MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2010

Avviz Numru. 272/2005

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**
**Vs**
**Stones Hotels Ltd.**

**Il-Qorti:-**

Rat illi s-socjeta' attrici pprezentat avviz fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-ghaxra (10) ta' Mejju 2005 fejn talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' erbat elef u hames Liri Maltin (Lm4005) rapprezentanti somom li gew imhallsa lilha mill-bank attur kif ukoll spejjez relattivi 'n konnessjoni ma' zewg negozji li saru b' karti ta' kreditu, wiehed minnhom ghall-ammont ta' elfejn erba' mija u erbgha u sittin lira Maltin (Lm2,464) in konnessjoni man-negozju li sar f' Settembru 2002 ma' Robert u Patricia Jones rigwardanti d-"Diplomat Club", u l-iehor ghall-ammont ta' elf hames mija u wiehed u erbghin lira Maltin (Lm1,541) in konnessjoni man-negozju li sar f' Mejju 2003 ma' Christopher u Kay Hall ukoll rigwardanti d-"Diplomat Club", liema pagamenti ma thallsux lil, jew kellhom jigu rifuzi mill-bank attur lill-bank li hareg il-karta

ta' kreditu ghal persuni msemmija u dan skond il-ftehim dwar l-ipprocessar ta' karti ta' kreditu w debitu bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali relattivi kkalkolati b' effett mid-data tal-bejgh sal-pagament effettiv.

Il-konvenut kien ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Stones Hotel Ltd fejn eccepixxa bir-rispett is-segwenti:-

1. Illi l-ammonti mitluba mhumiex dovuti lill-bank attur stante li l-eccipjent ircieva l-ammonti in kwistjoni ghax kienu lilu dovuti in segwitu' ghal tranzazzjoni bejn l-istess eccipjent u l-persuni li maghhom saru l-istess kuntratti.

2. Illi fi kwalunkwe kaz il-bank attur m' ghandu l-ebda dritt li jitlob ir-rifuzjoni ta' flejjes mhallsa lill-eccipjent.

Rat:

Illi nhar il-Hamis, tnejn ta' Marzu 2006 l-Avukat tas-socjeta' attrici ipprezenta l-affidavit ta' Patrick Gauci.

Illi fl-affidavit tieghu **Patrick Gauci** (fol. 14) qal li hu mpjegat ma' HSBC Bank Malta p.lc. bhala *Chargebacks and Fraud Team Leader.* Qal li fid-dsatax ta' Settembru 1998 Stones u Mid-Med Bank p.l.c dahlu fi ftehim biex l-istess Stones jaccettaw hlas bi *credit cards* kompriz hlas ghal servizzi ta' *Timeshare*. Dan il-kuntratt gie esebit ma l-imsemmi affidavit u gie mmarkat bhala Dokument "A". Spjega wkoll li Stones kienet giet fornuta b' "*electronic point of sale (EPOS) terminal*". Huwa ghamel referenza ghal klawzoli 25, 31 u 32 ta' dan il-kuntratt. Qal ukoll illi b' rizoluzzjoni mehuda f'laqgha straordinarja tal-azzjonisti taghha fis-sbatax ta' Dicembru 1997 is-socjeta' attrici biddlet isimha minn Mid-Med Bank Limited ghal Mid-Med Bank p.l.c u b'rizoluzzjoni ohra mehuda f'laqgha straordinarja tal-azzjonisti taghha fit-tmintax t'Awwissu 1999 is-socjeta' attrici biddlet isimha minn Mid-Med Bank

p.l.c ghal HSBC Bank Malta p.l.c. b' effett mill-ewwel ta' Dicembru 1999.

Spjega li kien qieghed jannetti dokument bl-Ingliz bhala Dokument "B" li fil-qosor juri l-process li kien sehh fiz-zmien rilevanti li ssegwi tranzazzjoni li ssir bil-"*Visa* Card", u cioe' minn dak il-hin li detentur ta' *Visa* Card ihallas biha ghal servizzi, sal-mument meta tranzazzjoni tigi kontestata. Spjega illi hemm referenza ghar-ragunijet varji li jistghu jwasslu sabiex detentur ta' *Visa* Card jikkontesta tranzazzjoni jew jitlob flusu lura u l-mod u z-zmien li fih dan irid isir.

Qal illi Stones topera fil-qasam tat-*timeshare* taht l-isem "Diplomat Club".

Qal illi fid-disgha ta' Novembru 2002 Robert u Patricia Jones hallsu lil Diplomat Club u cioe lil Stones, is-somma ta' Lm2464 permezz ta' "*Visa* Card" bin-numru 4543056002177853 u annetta bhala Dokument "C" l-ircevuta li giet rilaxxata mill-*EPOS terminal*. Spjega illi dan il-hlas sar ghal dritt ta' "*timeshare*" a favur tad-"Diplomat Club" izda liema dritt ta' "*timeshare*" kien gie akkwistat permezz ta' ftehim bil-miktub anness bhala dokument "D" u milhuq bejn l-imsemmija Robert u Patricia Jones u Intertravel UK Limited. Spjega illi r-ricevuta annessa bhala dokument "C" saret fuq "Diplomat Club". Spjega illi f' dan l-istadju l-HSBC ta' l-valur dovut fuq din it-transazzjoni lil Stones u l-bank attur talab dan l-ammont minghand ir-Royal Bank of Scotland li kien il-Bank tas-Sinjuri Jones. Ir-Royal Bank of Scotland hallas l-ammont dovut. Qal illi l-procedura li giet adotta ghal dan il-hlas kien spjegat fid-dokument aness bhala Dokument "B".

Qal ukoll illi fl-ghoxrin t'April 2004 l-HSBC ircieva l-ewwel "*chargeback*" ghall-hlas li kien gie effettwat mill-imsemmija Robert u Patricia Jones. Spjega li dan jidher mill-anness Dokument "E". Spjega li t-tranzazzjoni kienet ikkontestata minn Robert u Patricia Jones li allegaw li s-servizz mwieghed u li kien relatat mat-"*timeshare*" ma setghax jigi pprovdut peress li fir-rigward ta' l-Intertravel UK Ltd kien sar "proposal to strike off" u dan jidher mid-dokument li gie

anness bhala Dokument “F”. Spjega li kif jidher mill-anness document “B” skond il-procedura stabilita mill-*Visa* International, l-HSBC kellu 60 gurnata cans sabiex jirribatti din ic-“*chargeback*”.

Qal li fil-wiehed w ghoxrin t’April 2004 il-kont tal-HSBC gie iddebitat bl-ammont ta’ LM2535.13 liema ammont jirrifletti l-ammont tat-tranzazzjoni u cioe Lm2464, kif ukoll id-differenza fir-rata tal-kambju u cioe zieda ta’ Lm71.13. Spjega li dan setgha jsehh peress illi c-“*chargeback*” dahlet fi zmien differenti min dak tat-tranzazzjoni u minhabba dan ir-rata tal-kambju uzata kienet wahda differenti. Spjega li dan kien evidenti mid-dokument anness bhala Dokument “G” li juri l-entrata specifika tal-“*chargeback*” fuq il-kont ta’ l-HSBC.

Qal illi fid-disgha w ghoxrin t’April 2004 l-HSBC ircieva ghan-nom tas-sinjuri Jones, d-dokumentazzjoni mibghuta mir-Royal Bank of Scotland. Spjega li ghalkemm fuq id-dokument li l-HSBC ircieva flimkien mac-“*chargeback*” kien hemm indikat li d-data tat-tranzazzjoni kienet il-hdax ta’ Settembru 2002 u l-HSBC ma setax isib din it-tranzazzjoni. Spjega li gie kkuntattjat Saviour Cortis impjegat mad-Diplomat Club u cioe Stones li jiehu hsieb il-kontestazzjonijet relatati mat-“*timeshare*” u dan ma setghax jintracca t-tranzazzjoni peress li l-informazzjoni li giet ipprovduta mill-HSBC ma kienitx ezatta kif jidher mid-Dokument “H” li gie anness. Spjega li dan id-dokument huwa formula li permezz taghha r-Royal Bank of Scotland innotifika lill-HSBC bic-“*chargeback*” u bir-ragunijiet ghall-istess. Peress illi r-Royal Bank of Scotland ipprovdew informazzjoni mhux ezatta u cioe l-ismijiet tal-klijenti u d-data tat-tranzazzjoni kienu zbaljati, l-HSBC ma kellu l-ebda alternattiva ohra hlief li jirritorna lura lir-Royal Bank of Scotland c-“*chargeback*” liema process jissejjah “*2nd Presentment*” u huwa evidenti f’ dokument “B”. Spjega li kif jidher mid-dokument “I” li hu anness dan sehh fit-tlieta ta’ Mejju 2004. Spjega ukoll illi r-“Royal Bank of Scotland” kellu 60 gurnata cans sabiex jekk ma jaqbilx mar-ragunijiet moghtija mill-HSBC jirribatti is-“2nd Presentment”.

Kompla jghid li fl-erbgha ta’ Mejju 2004 u cioe l-ghada li l-HSBC irritorna lura c-“*chargeback*” il-kont ta’ l-HSBC gie kkreditat bl-ammont ta’ LM2535.13 kif jidher mid-Dokument “J” anness.

Qal ukoll illi fl-ghoxrin ta’ Mejju 2005 l-HSBC ghall-istess ragunijet ta’ l-ewwel wahda, ircieva t-tieni “*chargeback*” minghand ir-Royal Bank of Scotland kif jidher mid-Dokument “K” anness. Spjega li skond il-procedura stabbilita minn *Visa* International l-HSBC kellu hamsa w sebghin (75) gurnata mid-data ta’ l-ahhar “*chargeback*” u dan sabiex jindbew proceduri u f’kaz li l-HSBC kellu bizzejjed evidenza u ragunijiet, titlesta t-triq ghall-Arbitragg. Kompla jghid li fil-wiehed w ghoxrin ta’ Mejju 2004 il-kont tal-HSBC gie ddebitat bl-ammont ta’ Lm2601.21 liema ammont jirrifletti l-ammont tat-tranzazzjoni u cioe Lm2464 kif ukoll id-differenza fir-rata tal-kambju u cioe zieda ta’ Lm137.21. Spjega li dan kien possibbli peress illi c-“*chargeback*” dahlet fi zmien differenti minn dak tat-tranzazzjoni u minhabba dan ir-rata tal-kambju uzata kienet wahda differenti kif jidher mid-Dokument “L” li juri l-entrata specifika tat-tieni “*chargeback*” fuq il-kont ta’ l-HSBC. Kompla jghid li fil-hamsa w ghoxrin ta’ Mejju 2004 l-HSBC ircieva aktar dokumentazzjoni mibghuta mir-Royal Bank of Scotland ghan-nom tas-Sinjuri Jones kif jidher mid-Dokument “M” anness. Minn din id-dokumentazzjoni rrizulta li t-tranzazzjoni giet effettwata fid-disgha ta’ Novembru 2002 u li l-isem tal-klijent kien Robert Jones.

Qal illi huwa stess cempel lir-Royal Bank of Scotland sabiex jikkonferma li l-informazzjoni provduta kienet korretta. Ladarba kkonferma dan huwa gharraf lil Saviour Cortis b’ din l-informazzjoni gdida sabiex dan Cortis ikun f’ pozizzjoni jikkontesta t-tranzazzjoni jekk hu ma kienx jaqbal mal-allegazzjonijiet tas-Sinjuri Jones.

Qal ukoll illi fit-tmienja ta’ Gunju 2004, Saviour Cortis ipprovda r-Royal Bank of Scotland b’ numru ta’ dokumenti sabiex l-HSBC ikun f’ pozizzjoni li jirribatti c-“*chargeback*” tar-Royal Bank of Scotland”. Dawn id-dokumenti qal li kienu jikkonsistu fis-segwenti: kuntratt li sar bejn is-Sinjuri

Jones u "Intertravel UK" anness bhala Dokument "D", "Intertravel UK Ltd Understanding and acknowledgement *agreement*" anness bhala Dokument "D", il-kundizzjonijet relatati mal-kuntratt tat-*timeshare* anness bhala Dokument "D", ircevuta ffirmata, datata disgha ta' Novembru 2002 ghall-ammont ta' Lm2464.00 annessa bhala Dokument "C" u "registration cards" iffirmati mis-Sinjuri Jones. Dwar dawn ta' l-ahhar spjega li s-Sinjuri Jones kellhom zewg "registration cards" kull wiehed u ghalkemm id-dati jidhru kontradittorji peress illi filwaqt li tnejn mir-"registration cards" juru li s-Sinjuri Jones gew Malta fil-hdax ta' Novembru 2003 u telqu minn Malta fit-tnejn ta' Dicembru 2003 it-tnejn l-ohra jindikaw li s-Sinjuri Jones gew Malta fit-tmintax ta' Novembru 2003 u telqu minn Malta fit-tnejn ta' Dicembru 2003 huwa xorta wahda, fuq talba tal-klijent baghthom lir-Royal Bank of Scotland u dan jidher mid-Dokument "N" anness.

Spjega li ghalkemm l-HSBC kien konxju li ma kellux bazi soda sabiex jidhol ghall-Arbitragg il-Bank xorta wahda dahal f' process ta' pre-Arbitration mar-Royal Bank of Scotland" sabiex jipprova jiddefendi l-pozizzjoni tad-Diplomat Club. Spjega li dan il-process isir qabel ma l-HSBC, f' kaz li jkun hemm ragunijet validi, jaghmel talba lil "*Visa* International" sabiex isir Arbitragg dwar il-pozizzjonijet imressqa mill-HSBC u l-Bank of Scotland. Qal illi din it-talba min-naha ta' l-HSBC saret fl-erbatax ta' Gunju 2004 u saret permezz ta' ittra li kienet tispjega l-kaz u r-ragunijiet ghaliex fil-fehma ta' l-HSBC ic-"*chargeback*" tar-Royal Bank of Scotland kienet invalida. Spjega li dan jidher mid-Dokument "O" anness. Spjega li Dokument "P" anness juri li wara dan l-istadju l-HSBC ma kellux opportunita' ohra li jipprezenta dokumenti ohra. Kompla jghid illi skond il-procedura stabbilita' mill-*Visa* International ir-Royal Bank of Scotland kellu tletin gurnata sabiex jinforma lill-HSBC bil-pozizzjoni tieghu dwar il-kaz.

Kompla jghid li hu stess fl-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2004 cempel lir-Royal Bank of Scotland sabiex jiccekkja fejn kienu wasslu fir-risposta ghall-ittra datata hmistax ta' Gunju 2004. Qal illi infatti ntbaghtu zewg *reminders* datati hmistax ta' Gunju 2004 u sitta u tnax (6/12) ta' Lulju 2004

mill-HSBC lir-Royal Bank of Scotland. Spjega li Dokument “Q” anness juri li fil-hmistax ta’ Lulju 2004 ir-Royal Bank of Scotland ikkonfermaw li ma setghux jaccettaw il-kaz imressaq mill-HSBC ghal zewg ragunijiet u cioe ghaliex ghalkemm il-kuntratt sar bejn Intertravel UK u t-tranzazzjoni giet iddebitata minn “Diplomat Club” dan kien immur kontra r-regolamenti ta’ “*Visa* International” u dan a bazi tar-regolament numru 5.3.F.1.a kif jidher minn Dokument “R” li hu anness kif ukoll ghaliex is-sinjuri Jones ma setghux jaghmlu uzu mis-servizzi relatati mat-*timeshare* peress illi Intertravel UK kellu “proposal to stike-off”. Sabiex isahhah l-argument tieghu r-Royal Bank of Scotland ipprovda dikjarazzjoni mis-Sinjuri Jones u din fl-istat li wasslet ghand l-HSBC giet annessa bhala Dokument “S”. Spjega li minhabba r-ragunijiet moghtija kif ukoll ir-regoli ta’ *Visa* International f’ kaz ta’ Arbitragg l-HSBC ma’ setghax ikompli jsostni l-pozizzjoni tad-Diplomat Club u cioe Stones. Huwa qal li kien ghalhekk li l-HSBC ha d-decizjoni li ma jidholx f’ Arbitragg. Qal illi huwa cempel lil Saviour Cortis u talab li ssir laqgha sabiex jiddiskutu l-kaz ghaliex ma qabilx li l-HSBC kellu izomm lid-Diplomat Club responsabbli ghat-tranzazzjoni. Qal illi fit-tlieta t’Awwissu 2003 l-HSBC iltaqgha ma tliet rapprezentanti tad-“Diplomat Club” u cioe Saviour Cortis, Paul Galea u certu wiehed Conrad. Qal illi waqt din il-laqgha Saviour Cortis talab li jigu pprovduti dokumenti godda dwar dan il-kaz liema dokument juru li s-Sinjuri Jones kienu Malta u li kienu ghamlu uzu mis-servizzi tad-Diplomat Club. Qal li l-HSBC ma accettax dawn id-dokumenti kif jidher minn Dokument “P” lli hu anness. Spjega li f’kaz ta’ arbitragg kull dokument li jintbaghat wara ic-cikli tac-“*chargebacks*” u cioe wara l-istadju tal-“Pre-Arbitration” ma jigux ikkunsidrati kif jidher mid-Dokument “T” anness.

Qal illi l-HSBC informa lil partijiet li kienu prezenti ghall-laqgha li Saviour Cortis kellu l-opportunita’ jipprovdi dawn id-dokumenti fil-hamsa w ghoxrin ta’ Mejju 2004 u dan meta l-HSBC talbu jipprovdielu kull dokument li kellu x’ jaqsam ma din it-tranzazzjoni. Qal illi fit-tmienja ta’ Gunju 2004 meta Saviour Cortis kien intalab mill-HSBC sabiex jipprovdi kull dokument relevanti mat-tranzazzjoni sabiex

l-HSBC ikun jista’ jirribatti c-“*chargeback*”, gew ipprovduti biss dawk id-dokumenti li ghamel referenza ghalihom aktar ‘il fuq fl-affidavit tieghu. Ghalhekk hu u l-HSBC ma setghux ikunu jafu li Saviour Cortis jew haddiehor kellu xi dokument iehor li kien relevanti u li ma giex pprovdut u kien ghalhekk li l-HSBC wasal ghall-konkluzjoni li d-dokumenti pprovduti kienu dawk kollha li d-”Diplomat Club” u cioe “Stones” kellu fil-pusses tieghu u li kellhom relevanza ghat-tranzazzjoni. Spjega li hu kien jaf dan ghaliex hu tkellem mieghu peress illi fil-perjodu mis-sena 1999 sal-2004 id-“Diplomat Club” kellu numru sostanzjali ta’ hlasijiet li saru bil-“*credit cards*” u li kienu gew ikkontestati. Hu kien jaf li Saviour Cortis kien familjari hafna mal-process tac-“*chargeback*s” u ghalhekk kien jaf li l-HSBC kellu bzonn kull dokument relatat mat-tranzazzjoni. Qal li t-transazzjoni li kienu gew iddebitati lura lid-“Diplomat Club” kienu jammontaw ghal LM27,578 u jinqasmu fi tlieta w ghoxrin (23) kaz. Spjega li dawn kienu jinkludu transazzjonijet li gew mirbuha mill-HSBC. Qal illi minhabba li saru dawn il-kontestazzjonijiet kienet giet skambjata korrispondenza vasta kif ukoll saru diversi laqghat mar-rapprezentanti tad-“Diplomat Club” fejn il-process tac-“*chargeback*s” gie spjegat diversi drabi. Qal ukoll li f’hafna mill-korrispondenza gew spjegati r-riskji relatati man-negozju tat-“*timeshare*s” meta issir hlas bil-“*credit card*s” u dan jidher minn Dokumenti “U” u “U1” annessi. F’dan ir-rigward spjega li l-unika dritt li kellu d-“Diplomat Club” fil-kaz li dawn id-dokumenti godda kienu juru bic-car li s-Sinjuri Jones kienu hawn Malta u uzaw is-servizzi tad-“Diplomat Club” ghal gimgha, id-“Diplomat Club” seta’ jiehu lura l-valur ta’ dik il-gimgha imma dan dejjem jekk id-“Diplomat Club” kellu x’ juri kemm giet tiswa’ l-akkomodazzjoni dik il-gimgha. Spjega li s-Sinjuri Jones kienu kkontestaw it-tranzazzjoni meta raw li ma setghux jaghmlu uzu mis-servizzi li gew imweghda mid-“Diplomat Club” u mhux ghax ma ghamlux dik it-tranzazzjoni. Ghalhekk ic-cirkostanzi li ghandhom x’ jaqsmu ma’ l-ammont ma kienux jinbiddlu. Minhabba dan kollu l-HSBC informa r-rapprezentanti tad-“Diplomat Club” cioe’ Stones illi l-ammont taz-zewg tranzazzjonijiet li saru flimkien mad-differenzi li kien hemm minhabba r-rati tal-

kambju kien ser jigi kkreditat fil-kont tad-“Diplomat Club” u cioe Stones.

Qal illi fis-sbatax t’Awwissu 2004 l-HSBC iddebita’ l-ammont ta’ Lm2601.21 mill-kont tad-“Diplomat Club” u irriversja l-entratura minn fuq il-kont tal-HSBC liema entratura kienet ghaddiet fil-wiehed w ghoxrin ta’ Mejju 2004 u dan jidher mid-Dokument “V” anness li juri l-entratura relattiva fuq il-kont tal-Bank. Spjega li dan sar wara li, kif jidher minn Dokument “U 2” anness, l-HSBC kien avza lil Stones li l-HSBC, fejn kien jidhirlu li ma kellux cans jirbahhom ma kienx ser jiftah proceduri ta’ Arbitragg.

Kompla jghid li wara li fil-hdax t’Ottubru 2004 l-HSBC ircieva oggezzjoni permezz ta’ ittra legali mibghuta mill-Avukat ta’ Stones liema ittra hija annessa bhala Dokument “X” u wara li l-HSBC ha parir li tpaccija ma tistax issir meta ikun hemm kontestazzjoni, il-Bank rega’ kkredita’ l-ammont li kien gie ddebitat mill-kont tad-“Diplomat Club” fis-sbatax ta’ Awwissu 2004 u dan flimkien ma’ l-interessi li kienu akkumulaw fuq l-istess ammont. Qal illi d-“Diplomat Club” gie infurmat b’ dan kif jidher mill-“credit voucher” ghall-ammont shih mitlub f’ din il-kawza liema giet annessa bhala dokument “W” u kif jidher ukoll mid-Dokument “Y” anness li hija r-risposta li l-HSBC baghat ghall-ittra legali ta’ Stones.

Dwar it-tieni tranzazzjoni li giet kontestata qal li fil-hamsa ta’ Mejju 2003 Christopher u Kay Hall permezz ta’ *Visa* card bin-numru 4049700247401 hallsu lid-“Diplomat Club” cioe Stones, is-somma ta’ Lm1541 u dan jidher minn dokument intern anness bhala Dokument “I”. Qal li Stones qatt ma ta’ l-ircevuta li tohrog mill-EPOS machine lill-HSBC. Spjega li dan id-dritt inghata ghal “*timeshare*” akkwisat permezz ta’ ftehim miktub bejn Christopher u Kay Hall u d-“Diplomat Club” liema ftehim gie anness bhala Dokument “2”. Dan il-hlas qal li sar favur id-“Diplomat Club”. Ikkonferma li f’ dan l-istadju l-HSBC ta’ l-ammont dovut fuq din it-tranzazzjoni lil Stones u talab lil HBOS Card Services, li kien hareg il-*credit card* tas-Sinjuri Hall, ihallas dan l-ammont kif fil-fatt sar skond il-procedura spjegat fid-Dokument “B” anness.

Qal illi fit-tmienja ta’ Marzu 2004 kif jidher mid-Dokument “3” anness l-HSBC ircieva l-ewwel “*chargeback*” ghac-“*chargeback*” tal-hlas effetwat minn Christopher u Kay Hall. Spjega li t-tranzazzjoni kienet giet kontestata mis-sinjuri Hall peress illi allegaw li s-servizz imwieghed lilhom mat-*timeshare*” ma nghatax. Ikkonferma li l-HSBC kellu 60 gurnata cans sabiex jirribatti din ic-“*chargeback*”. Qal li imbaghad fl-ghaxra ta’ Marzu 2004 il-kont ta’ l-HSBC gie iddebitat fl-ammont ta’ Lm1681.84 liema ammont jirrifletti l-ammont tat-tranzazzjoni u cioe Lm1541 flimkien ma zieda ta’ Lm140.84 rapprezentanti zieda fir-rata tal-kambju. Spjega li dan seta’ isir peress illi c-“*chargeback*” dahlet fi zmien differenti minn dak tat-tranzazzjoni u ghalhekk ir-rata tal-kambju kien differenti kif jidher mill-entrata ta’ l-istess “*chargeback*” fuq il-kont ta’ l-HSBC annessa bhala Dokument “4”.

Qal li fil-hmistax ta’ Marzu 2004 l-HSBC ircieva d-dokumentazzjoni mibghuta minn HBOS Card Services ghan-nom ta’ Sinjuri Hall. Spjega li kif jidher minn Dokument “5” anness id-dokumenti flimkien mac-“*chargeback*” li ircieva l-HSBC id-data tat-tranzazzjoni kienet indikata bhala il-hamsa ta’ Mejju 2004.

Kompla jghid li kif jidher mid-Dokument “6” anness fit-tlieta w ghoxrin ta’ Marzu 2004 l-HSBC informa lid-Diplomat Club permezz ta’ ittra li t-tranzazzjoni kienet giet kontestata u l-HSBC talab li tigi fornuta lilu kull dokumentazzjoni relevanti ghat-tranzazzjoni u dan sabiex l-HSBC ikun f’ pozizzjoni jirribatti c-“*Chargeback*”. Qal illi fl-ewwel t’April 2004 Saviour Cortis ipprovda lill-HSBC b’ zewg dokumenti u cioe dokument “7” anness li huwa spjegazzjoni tac-cirkostanzi u dokument “8” anness li huwa kopja tal-“*Booking Form*”.

Qal ukoll li “Diplomat Club” cioe Stones ma forniex aktar dokumenti w ghalhekk fil-hamsa t’April 2004 l-HSBC irritorna lura c-“*chargeback*” flimkien mad-dokumenti kollha li kienu gew fornuti lilu mid-“Diplomat Club”. Spjega li dan il-process jissejjah “2$^{nd}$ Presentment” kif jidher mid-Dokument “9” anness. Spjega li f’dan id-dokument huwa

skura dettalji li jirrelataw ma' kontestazzjoniet ohra li mhumhiex relatti ma dan il-kaz. Spjega ukoll illi HBOS Card Services, u dan skond il-proceduri tal-*Visa* Interntional, kellu 60 gurnata cans sabiex jekk ma jaqbilx mar-ragunijiet moghtija mill-HSBC jirribatti is-"$2^{nd}$ Presentment".

Qal li fis-sitta t'April 2004 u cioe l-ghada li l-HSBC irritorna lura c-"*chargeback*", il-kont ta' l-HSBC gie kkreditat fl-ammont tac-"*chargeback*" u cioe ghall-ammont ta' Lm1681.84 kif jidher mid-Dokument "10" anness li juri l-entrata ta' l-istess "*chargeback*" fuq il-kont ta' l-HSBC.

Qal li fit-tlettax t'April 2005 l-HSBC ircieva t-tieni "*chargeback*" minghand HBOS Card Services li huwa anness bhala dokument "11" u f' din inghataw l-istess ragunijet li inghataw fl-ewwel wahda u sar enfasi fuq il-fatt li fir-rigward tad-"Diplomat Club" il-"*Booking Form*" li kien obbligat li jibghat kull sena ma' intbaghtux u l-"*membership*" ma RCI ma kienitx valida. Spjega li f'dak l-istadju l-HSBC kellu hamsa w sebghin (75) gurnata mid-data ta' l-ahhar "*chargeback*" sabiex f'kaz li jara li kien hemm bizzejjed evidenza u ragunijet, huwa jibda proceduri u jipprepara ghall-Arbitragg. Qal illi fl-erbatax ta' Mejju 2004 il-kont ta' l-HSBC gie ddebitat bl-ammont ta' Lm1734.10 liema ammont jirrifletti l-ammont tat-tranzazzjoni u cioe Lm1541 flimkien ma zieda ta' Lm193.10 rapprezentanti zieda fir-rata tal-kambju. Spjega li dan seta' jsir peress illi c-"*chargeback*" dahlet fi zmien differenti minn dak tat-transazzjoni w ghalhekk ir-rata tal-kambju kien differenti kif jidher mill-entrata tal-istess "*chargeback*" fuq il-kont ta' l-HSBC annessa bhala Dokument "12".

Qal li fid-dsatax ta' Mejju 2004 l-HSBC ircieva aktar dokumentazzjoni ghan-nom tas-Sinjuri Hall minghand HBOS Card Services f'liema dokumentazzjoni kien hemm specifikat li s-sinjuri Hall kienu qed jinsistu li s-servizz imwieghed lilhom mid-"Dimplomat Club" ma inghatax u dan jidher mid-dokument "13" anness. Qal li l-HSBC mal-ewwel informa lil Saviour Cortis li t-tranzazzjoni regghet giet ikkontestata u intalab jaghti aktar evidenza sabiex l-

HSBC jkun jista juri li s-Sinjuri Hall kienu rcevew il-"*Booking Form*" u b' hekk l-HSBC ikun f' pozizzjoni li jikkontesta c-"*Chargeback*". Wara li saret talba mill-HSBC fis-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 2004 Saviour Cortis forna l-HSBC bil-kuntratt li sar bejn is-sinjuri Hall u d-"Diplomat Club" liema dokument huwa anness bhala "2", "*credit card payment order*" iffirmata mis-sinjuri Hall anness bhala dokument "2", "*Booking Form*" 2003 annessa bhala dokument "14", "*Booking Form*" 2004 annessa bhala dokument "15", certifikat tas-shubija mal-RCI tas-sinjuri Hall anness bhala dokument "16" u rapport mill-RCI anness bhala dokument "17". Spjega li minkejja li gew ipprovduti dawn id-dokumenti d-"Diplomat Club" ma kienx f' pozizzjoni li jipprova b' mod car permezz ta' "*tracking number*" li s-Sinjuri Hall ircevew il-"*Booking Form*" peress illi meta jigu mpostati u dan isir bil-posta normali, d-"Diplomat Club" ma jirregistrax il-"*Booking Form*".

Spjega li minkejja li l-HSBC kien konxju tal- fatt li ma kellux bazi soda sabiex jidhol f' Arbitragg, xorta wahda ghazel li jidhol fl-istadju tal- "Pre-Arbitration" ma' HBOS Card Services u dan sabiex jiddefendi l-pozizzjoni tad-"Diplomat Club". Spjega li dan l-istadju jsir meta, kemm-il darba jkun hemm ragunijet validi, l-*Visa* International tintalab tarbitra bejn il-posizzjonijiet imressaqa mill-partijiet koncernati u cioe l-HSBC u l-HBOS Card Services. Spjega li din it-talba min-naha ta' l-HSBC saret fl-erbgha ta' Gunju 2004 u saret permezz ta' ittra lil HBOS Card Services u li fiha kien hemm spjegat l-kaz u r-ragunijiet ghaliex fil-fehma ta' l-HSBC ic-"*chargeback*" ta' HBOS Card Services kienet invalida. Spjega li dan jidher mid-Dokument "18" anness. Spjega li Dokument "19" anness juri li wara dan l-istadju l-HSBC ma kellux opportunita' ohra li jipprezenta dokumenti ohra. Kompla jghid illi skond il-procedura stabbilita' mill-*Visa* International, l-HBOS Card Services kellu 30 gurnata sabiex jinforma lill-HSBC bil-pozizzjoni tieghu dwar il-kaz.

Qal ukoll li fil-15/30 ta' Gunju 2004 l-HSBC baghat "faxes" sabiex HBOS Card services jigi imheggeg jirrispondi ghall-ittra datata erbgha ta' Gunju 2004. Qal li sussegwentament fl-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2004 l-

HSBC ikkuntattja lil HBOS Card Services permezz tat-telefon sabiex tinkiseb informazzjoni dwar fejn kien wasal il-kaz. Qal li fit-tnejn ta’ Lulju 2004 inghatat konferma mill-HBOS Card Services li l-kaz kifipprezentat mill-HSBC ma setghax jigi accettat u dan peress illi s-sinjuri Hall kellhom kuntratt li kien juri li huma kienu dahlu membri ta’ l-RCI u kienu gew imwieghda servizzi u privileggi relatati ma’ l-istess RCI. Is-sinjuri Hall qatt ma rcevew xejn li seta’ jindika li huma kienu membri u meta cemplu l-RCI gew infurmati li kienu ilhom ma jirraprezentaw lid-“Diplomat Club” mis-sena 2002. Raguni ohra kienet li d-Diplomat Club” qatt ma pprovda l-*Booking Form*” mehtiega anke meta mitluba mis-sinjuri Hall.

Qal li fis-sitta ta’ Lulju 2004 l-HSBC ghamel kuntatt ma HBOS Card Services u talabhom jergghu jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom u dan peress illi d-“Diplomat Club” kien ipprovda “RCI *membership* number”. Qal izda, li fis-sebgha ta’ Lulju 2004 HBOS Card Services rega’ rrifjuta li jaccetta din it-tranzazzjoni u dan ghall-istess ragunijiet li gew indikati. L-HBOS Card Services qal ukoll illi kif jidher minn dokument “21” anness r-referenza li inghatat mid-“Diplomat Club” ma kienitx wahda valida.

Qal ukoll illi bhala konsegwenza tar-ragunijet moghtija u a bazi tar-regoli tal-*Visa* International f’kaz ta’ Arbitragg l-HSBC, ma setghax jibqa’ isostni l-posizzjoni tad-Diplomat Club. Qal li d-decizjoni li ha l-HSBC biex ma jidholx f’ Arbitragg kienet ukoll fl-interess ta’ l-istess Diplomat Club u dan minhabba t-tariffi imposti minn *Visa* International f’ kaz li l-Bank jitlef il-kaz. Kif jidher minn dokument “B” anness dawn jommontaw ghal 500 Dollaru.

Qal li fit-tlieta w ghoxrin ta’ Lulju 2004 l-HSBC ghamel kuntatt ma Saviour Cortis u intbaghtlu d-dokument li permezz tieghu HBOS Card Services ma accettax it-talba ta’ l-HSBC u infurmah li ghar-ragunijiet li ta’ aktar ‘il fuq fl-affidavit tieghu, il-Bank hass li ma kellux jitlob “Arbitragg” a bazi tal-guidelines li kien gie infurmat bihom Stones fl-ewwel ta’ Marzu 2002 u dan jidher minn dokument “U 2” anness. Sussegwentament qal immedjatament Saviour Cortis talab laqgha sabiex jigi diskuss dan il-kaz ghaliex

ma kienx qed jaqbel li l-HSBC izomm lid-“Diplomat Club” responsabbli ghat-tranzazzjoni. Fit-tlieta t’Awwissu 2004 l-HSBC iltaqgha ma’ tlett rapprezentanti tad-“Diplomat Club” u cioe Saviour Cortis, Paul Galea u certu Conrad. Qal li waqt il-laqgha Saviour Cortis ma kellux aktar xi jzid peress illi ma kellhomx provi li fil-fatt l-*Booking Form*” kienu wasslu ghand is-sinjuri Hall u dan minkejja li d-“Diplomat Club” iddikjara li l-“*Booking Form*”kienu intbaghtu kollha f’ daqqa. Qal ukoll li Stones naqas milli jipprova li Diplomat Club kien membru tal-RCI.

Qal ukoll li l-HSBC informa lir-rapprezentanti tad-“Diplomat Club” li l-ammont taz-zewg tranzazzjonijiet flimkien maz-zidiet li inholqu minhabba r-rata tal-kambju kienu ser jigu kkreditati fil-kont tad-“Diplomat Club”. Fis-sbatax t’Awwissu 2004 l-HSBC iddebita l-kont tad-“Diplomat Club” fl-ammont ta’ Lm1734.10 u irriversja l-entrata minn fuq il-kont tal-HSBC liema entrata kienet ghaddiet fit-tlettax ta’ Mejju 2004 kif jidher mid-Dokument “22” anness.

Kompla jghid li fil-hdax t’Ottubru 2004 l-HSBC ircieva oggezzjoni minghand l-avukati ta’ Stones permezz ta’ ittra annessa bhala dokument “X” u fuq parir legali li tpaccija ma setghetx issehh meta tkun giet ikkontestata tranzazzjoni, fis-sbatax t’Awwissu 2004 , rega’ ikkredita’ lid-“Diplomat Club” u cioe Stones bl-ammont debitat u informa lid-“Diplomat Club” bl-istess kif jidher minn dokument “23” anness li huwa “credit voucher” ghaz-zewg ammonti shah mitluba f’din il-kawza u dokument “Y” li hija risposta mibghuta mill-HSBC b’ risposta ghall-ittra ta’ l-avukat ta’ Stones.

Spjega li ghalhekk gie li Stones ghandu jaghti lill-HSBC is-somma ta’ erbat elef u hames liri Maltin (LM4005) rapprezentanti sommom li gew inhallsa lil Stones mill-HSBC kif ukoll spejjez relattivi u in konnessjoni ma’ zewg negozji li saru b’ karti ta’ kreditu, wiehed ghall-ammont ta’ elfejn erba’ mija u erbgha u sittin lira Maltin (Lm2464) li kien sar mid-“Diplomat Club” ma’ Robert u Patricia Jones f’ Settembru 2002 u l-iehor ghall-ammont ta’ elf hames mija u wiehed u erbghin lira Maltin (Lm1541) li kien sar

mid-“Diplomat Club” ma Christopher u Kay Hall f’ Mejju 2003.

Illi nhar l-hmistax ta’ Novembru 2006 xehed **Stephen Theuma** (fol. 121) prodott mill-Bank attur u li huwa manager tal-fergha tal-Bank HSBC tal-*Card Enquiring and Customer Services*. Qal li hu kien prezenti ghall-laqgha li kienet saret fit-3 ta’ Awwissu 2004 bejn rapprezentanti ta’ Stones Hotels Limited u Patrick Gauci. Huwa kkonferma l-minuti ezebiti bhala dokument “T” a fol 58 tal-process u kkonferma li fuqhom hemm il-firma tieghu. Huwa qal li l-minuti kienu saru xi gurnata wara l-imsemmi laqgha u huma kien anke qabel diga’ spjegaw lir-rapprezentanti tas-socjeta’ konvenuta u anke indikawlhom li kien hemm bzonn li huma jharsu r-regoli kollha tat-“*timeshare*” u dan fejn jidhlu *credit card*s li jircievu. Spjega ukoll li apparti l-kwistjoni dwar iz-zewg *chargebacks* li hemm f’din il-kawza. Kien hemm okkazzjonijet ohra, qabel dawn iz-zewg *chargebacks* in kwistjoni fejn kien hemm *chargebacks* ohra li kienu gew addebitati. Qal li dawn kollha gew irrogalizzati u mhallsin. Huwa kkkonferma li d-dokumenti li pprezenta x-xhud Patrick Gauci ma’ l-affidavit tieghu huma kollha koppji ta’ l-originali u huma awtentici.

Illi nhar l-hdax t’April 2007 xehed **in kontro-ezami Patrick Gauci** (fol. 126) fejn qal li jahdem ma’ l-HSBC Bank Malta plc u spjega t-*transaction flow chart* ezebita a fol. 30 tal-process. B’ referenza ghall-istess *flow chart* huwa spjega li klijent li ovvjamanet irid ikun il-“*cardholder*” wara li jkun ha s-servizz immur ghand tal-hanut sabiex jaghmel il-pagament bil-card. Kompla jispjega li l-*merchant* jghaddi t-transazzjoni fuq il-magna elettronika permezz tal-card tal-*cardholder*. Minn din il-card issir it-tranzazzjoni ma’ l-issued bank u cioe il-bank tal-*cardholder*, li sussegwentament jiddebita l-klijent b’ din it-tranzazzjoni. Spjega li l-klijent sussegwentament jircievi statement ghad-debitu ta’ dik it-tranzazzjoni li jkun hallas ghaliha u jinghata zmien sabiex jezaminaha sabiex jivverifika jekk it-tranzazzjoni mnizzla humhiex legittimi jew le. Huwa spjega li hu kien wasal ghall-konkuzjoni li l-konjugi Jones kienu ghamlu pagamenti ghall-hlas ta’ *timeshare* peress illi d-Diplomat Hotel huwa registrat bhala *timeshare*. B’

referenza ghal dokument D ezebit fl-atti kkonferma li minn dan id-dokument jirrizulta li l-konjugi Jones kienu xtraw "*holiday accomodation membership*" li spjega li tfisser akkomodazzjoni u vaganza f' perjodu ta' zmien u b' hekk ikkonkluda li l-konjugi Jones kienu ghamlu pagamenti ghall-hlas ta' *timeshare*. Qal illi dan id-dokument "D" ezebit wasal ghand il-Bank wara li nqala' id-dizgwid in kwistjoni u mhux fiz-zmien li fih kienet saret it-tranzazzjoni. Spjega li dak li qal fl-affidavit tieghu johrog mill-"*operating manual*" tal-*Visa* li l-Bank jaghti lill-klijent li jkun *cardholder*. Qal li l-klijent ikun jaf b' dan ghaliex jinghata kopja. B' referenza ghall-irbit tas-socjeta' ta' mija u ghoxrin gurnata imsemmi fid-dokument *chargeback* a fol. 32 tal-process u dan meta jinghata servizz huwa spjega li din il-fakulta' tigi adotta meta s-servizz ikun kontinwu.

Illi nhar it-tnax ta' Gunju 2007 rega' gie **riprodott Patrick Gauci** (fol. 129) fejn ipprezenta l-"*Visa Operations Regulations*" liema dokument gie mmarkat bhala dokument "Z". Huwa qal li dawn ma jinghatawx lill-klijent. Huwa indika li l-"*processing* requirement" hija dik enumerata numru fuq id-Dokument "Z".

Illi nhar it-tmienja ta' Novembru 2007 rega' gie **riprodott Patrick Gauci** (fol. 133) fejn b' referenza ghax-xhieda tieghu datata hdax t'April 2007 huwa qal li ried jikkorregi ruhu fis-sens illi fejn qal li l-klijent kien jinghata kopja tal-*manual* tal-*Visa* dan ghandu jinqara li l-klijent ma jinghatax kopja tal-*manual*. Spjega li l-kontenut jigi spjegat lill-klijent, isiru tlett *chargeback*s li kellu l-istess kljent, ghal tlieta u ghoxrin darba.

Illi fit-tmienja ta' Jannar 2008 gew ipprezentati permezz ta' Nota, kopja tal-"*Visa International Operating Regulations*" (fol. 136).

Illi nhar it-tmintax ta' Frar 2008 rega' gie **riprodott in kontro-ezami Patrick Gauci** (fol. 139) li spjega li *chargeback* li ma ssirx wara z-zmien stipulat ta' mija u ghoxrin gurnata u cioe ma tistax issir tardivament pero' huwa qal li dan ma japplikax. Ikkonferma li r-*reason code*

kienet ic-"*chargeback*" u cioe "*services not rendered*". Ikkonferma ukoll li d-definizzjoni moghtija fil- 1-38 *volume* 2 tal-"*Visa International Operating Manual*" tiddefinixxi s-"*services not rendered*". Huwa qal li qabel, il-perjodu tac-*chargeback* kien ta' mija u tmenin jum izda illum-il gurnata huwa ta' mija u ghoxrin gurnata. Spjega li huwa l-perjodu ta' mija u tmenin gurnata li japplika ghal dan il-kaz. Qal ukoll illi c-*chargeback*s, it-tnejn kienu saru wara l-mija u ghoxrin gurnata. Spjega li hemm kundizzjoni li tistipula li z-zmien li ghandu jigi meqjus sabiex juza dan ic-*chargeback* jigi kkunsidrat fil-gurnata li fiha l-klijent jircievi s-servizz. Dan ifisser li s-servizz jinghata kull sena u dan irrid ikun responsabbli sabiex jizgura it-tul tal-perjodu ghal-liema gie offrut is-servizz. Din hija l-ispjegazzjoni li ta' ghall-fatt li l-HSBC qatt ma qajjem il-punt li d-domanda kienet saret wara li skada z-zmien moghti. Fuq dan il-punt qal ukoll li l-Bank ma jorbotx lill-*merchant* b' dawn il-kundizzjonijet. Spjega li f' dan il-kaz Stones li huwa l-*merchant* ikun marbut kemm-il darba tigi kkontestata mill-klijent li jkun marbut b' kuntratt. Spjega li l-HSBC ma tidholx fil-kuntratt li jsir bejn il-klijent u l-*merchant*. Huwa qal li mill-esperjenza li ghandu u li tirrizulta min-negozjati li kellu ma' Stones Hotel, Stones Hotel ma' tirregistrax il-*Booking Form* u ghalhekk ma jkun hemm l-ebda prova li l-klijent ikun ircevihom. Stqarr li hu ma jkunx f' pozizzjoni li jirribatti dak li jghid il-klijent. Qal li f' dan il-kaz Stones kien tah biss ir-*registration forms* li kienu kontradittorji fis-sens illi urew li l-istess persuni kienu hawn Malta f' perjodi differenti. Ikkonferma li hu kellu kopji ta' dawn u kienu ffirmati. Qal illi jekk f' sena minnhom Stones tonqos u l-klijent ikun gie qabel id-differenza tkun fil-*proportion* li jiehu lura l-klijent mis-servizz li jkun intuza. F' dan il-kaz Stones naqas li jaghmel dan. Qal illi d-definizzjoni ta' *timeshare* hadha minn volumi varji liema huma bhall-volum li huwa pprezenta u qal ukoll li din l-informazzjoni tinstab fl-ewwel volum.

Illi nhar is-sbatax t'April 2008 rega' gie **ri-prodott Patrick Gauci** (fol. 143) li pprezenta Dok. Z u X. Huwa qal li dokument Z huwa l-kuntratt li sar bejn HSBC u Stones u dokument X huwa *review* ta' l-istess kuntratt datat 2003. Huwa spjega li skond dokument Z u X kull tranzazzjoni li

jghaddi l-klijent fi Stones Hotel Diplomat Club jaqa' taht *timeshare*. Huwa ghamel referenza ghad-definizzjoni ta' *timeshare merchant* li hemm a fol. 42 ta' l-Appendix A tad-dokument ezebit a fol. 136 ta' l-Atti. Huwa qal li fejn fid-dokumenti li pprezenta huwa stess hemm referenza ghal *code number* 7012 din hija referenza ghal *timeshare*.

Illi nhar it-tmienja ta' Mejju 2008 rega' gie **ri-prodott Patrick Gauci** (fol. 159) li spjega li wara li ssir applikazzjoni u jsir il-*processing* ta' l-*agreement* dawn iz-zewg dokumenti jibqghu validi u wiehed ma jissorpassax lill-iehor ghaliex fl-ewwel dokument il-Bank jistipula x' ser jaghmel u fit-tieni dokument il-partijiet jaccettaw dak li jkun ser isir.

Ikkonferma li l-card *processing agreement* ta' Stones Hotels Limited ma' l-HSBC huwa datat wiehed u ghoxrin t'Awwissu 2003 u li dan huwa r-*review* ta' l-*agreement* datat dsatax ta' Settembru 1998 li kien sar mill-HSBC u li huwa stess kien ipprezenta sabiex juri li l-*business* baqa fin-natura tieghu l-istess. Qal illi r-*review* jindika li l-*agreement* baqa' kollu in vigore. Huwa spjega li mill-*application form* deher li t-*trading name* ta' Stones Hotels Limited huwa Diplomat u li n-natura tan-negozju tieghu huwa dak ta' *timeshare* u li din kienet il-pozizzjoni tieghu fl-ghoxrin t'Awwissu 2003 kif jidher mid-data ta' l-applikazzjoni. Huwa spjega li mid-dettalji li jidhru fl-ezebit dokument “Z” datat erbgha t'Awwissu 1998 jidher li it-*trading name* huwa Diplomat Hotel Howard Johnson filwaqt li t-tranzazzjonijet in kwistjoni saru taht l-isem ta' Diplomat Club li kienet l-istess Hotel u cioe Stones Hotel Limited. Spjega li d-Diplomat *timeshare* li fid-dokument Z ezebit, huwa indikat bhala *outlet* kellu kont numru 8286 u t-tranzazzjonijiet kollha saru taht dan il-kont irrispettivament mit-‘*trade name*’ peress illi dan ta' l-ahhar huwa dak li jinghata mill-applikant. Spjega li l-klijent jaghmel uzu minn ‘*code*’ meta jkun irid jaghmel uzu mis-servizz tal-bank izda ma jirnexxilux. Spjega li l-klijent fl-ebda kaz ma kellu jipprova li s-servizz ma kienx moghti lilu. Qal li l-Bank ghan-nom tal-klijent kellu ikun dak li jghid li s-servizz ma nghatax wara li l-klijent u cioe l-*cardholder* jinformah b' dan. Qal illi peress illi l-pagament da parti ta'

l-HSBC ma sarx il-kuntratt bejn il-klijent u l-lukanda ma setghax jigi effettwat. Qal li dan is-servizz huwa '*lifelong contract*' u hu stqarr li ghalih, u dan a bazi ta' l-esperjenza tieghu ta' kif il-bank jeffettwa it-tranzazzjonijet u kif ukoll numru 3 tac-'*chargeback processing requirements*' dan ifisser li jekk ikun hemm kuntratt ghal zmien indefinittiv jista' jkun hemm "*chargeback*" ta' '*services not rendered*' tul il-perjodu kollu.

Illi nhar it-tmienja w ghoxrin ta' Mejju 2008 xehed **Konrad Degorgio** (fol. 163) prodott mis-socjeta' konvenuta u ezebixxa Dokument CSH1 u Dokument CSH2 li huma zewg formoli li mtlew mill-konjugi Jones mal-wassla u tluq taghhom f' Malta u minn Malta gewwa l-lukanda Diplomat, CSH3 li hija *email* minghand Jones li fiha talbu li tinbidel id-data u CSH4 li hija ittra li tikkonferma il-wassla taghhom f' Malta flimkien ma *booking* personali taghhom li huma baghtu lid-Diplomat.

Qal illi huwa jokkupa l-kariga ta' CEO mas-socjeta' konveuta u li ilu f' din il-kariga ghal dawn l-ahhar ghaxar snin.

Spjega li d-Diplomat Club jassisti lill-klijenti msiehba maghhom u jaghmlulhom il-*booking* sabiex jergghu jmorru fil-lukandi taghhom f' Malta.

Spjega li kien hemm ftehim ma' Intertravel UK li permezz tieghu meta membri ta' Intertravel UK jixtru pakkett jkunu jistghu jmorru f' lukandi madwar id-dinja bi prezz specjali. Spjega li d-Diplomat kienet wahda minn dawk il-lukandi li kienet toffri dan is-servizz lil membri ta' Intertravel UK. Qal li d-Diplomat kellu zewg lukandi: 'Mediterranea f' San Pawl il-Bahar' u 'Diplomat Hotel f' Triq it-Torri, Tas-Sliema. Qal illi s-sinjuri Jones xtraw dan il-pakkett direttament minghand id-Diplomat Club fid-disgha ta' Novembru 2002 u dan il-pakkett kien jinkludi gimgha Malta gewwa d-Diplomat. Qal li s-Sinjuri Jones ghamlu l-*booking* u gew Malta. Qal li waqt li kienu Malta kienu talbu li jestendu l-perjodu taghhom ghal hmistax il-jum gewwa l-lukanda Diplomat f' Tas-Sliema. In fatti qal li dan kien sar u inghataw l-istess rati specjali u l-koppja kienu ghamlu

depozitu permezz ta' *booking* minn taghhom. Qal illi huma gew Malta u qaghdu gewwa l-lukanda Mediterranea u imbaghad qattghu hmistax-il gurnata gewwa l-lukanda f' Tas-Sliema. Qal li l-ewwel gimgha kienet inkluza fil-pakkett li kienu xtraw u imbaghad kienu hallsu tal-hmistax-il gurnata l-ohra. Qal li l-pakkett li kienu xtraw hallsuh permezz ta' *credit card* filwaqt li l-hlas ghall-hmistax –il gurnata l-ohra ghamluh permezz ta' *booking*. Qal li ma rcevew l-ebda talba ohra sabiex din il-kopja taghmel uzu mis-servizzi taghhom u ghalhekk qal li kien biss f' April 2004 li saru jafu li kienet saret allegazzjoni li huma ma kienux lesti jipprovdu s-servizz u dan meta gew maghrfa mill-Bank li qalihom li kien hemm "*chargeback*".

Qal illi l-kwistjoni tal-kopja Hall ma kellha x' taqsam xejn ma dik tad-Diplomat Club. Spjega li l-klijent kien xtara RCI *pack* li huwa pakkett li jinkludi l-akkomodazzjoni li kien ittiehdet ghal perjodu ta' hamsa u tletin xahar li jfisser li kien sar ftehim maghhom b' rati specjali. Spjega li dan kien ifisser li kellhom gimgha b' rati specjali li tista' tittiehed kull sena kull hamsa u tletin xahar u cioe bejn wiehed u iehor tlett gimghat matul perjodu ta' tlett snin.Qal illi l-kopja kienu xtraw il-pakkett waqt li huma kienu qedghin joghqodu fil-lukanda Mediterranea f' San Pawl il-Bahar u dan kien thallas minn go magna tal-Bank of Valletta. Qal li permezz ta' l-istess ftehim il-klijent seta' jaghmel '*upgrade*' ghal '*membership*' li kienet ghall-perjodu ta' hamsa u ghoxrin sena bl-istess beneficcji li kellu tul il-hamsa u tletin xahar u cioe rati specjali ghal hamsa u ghoxrin sena. Qal li ovvjament il-prezz kien ghola. Qal ukoll li l-ftehim kien li jekk il-klijent jiehu din it-tieni alternattiva huwa jinghata skont fuq il-pagament li kien ghamel fuq il-ftehim ta' l-RCI. Qal li l-klijent mar lura l-Inghilterra billi intuzat il-*credit card* gewwa magna ta' HSBC. Qal illi l-kwistjoni pendenti tirrigwarda dan t-tieni pagament li sar permezz tal-magna ta' l-HSBC. Qal illi anke meta intuzat il-*credit card* gewwa il-magna tal-BOV huma rcevew ic-'*chargeback*' izda kienet saret laqgha mal-Bank of Valletta fejn ghaddewlhom l-istess provi li kienu taw lill-HSBC u minn dakinhar qal li ma semghu xejn aktar u l-flus ma gewx debitati mill-kont. Qal illi l-HSBC kien talabhom numru ta' dokumenti li huma

pprovdu lill-HSBC izda dawn ma kienux sodisfatti. Qal li ghaddew lill-HSBC ukol informazzjoni dwar f' hiex kien jikkonsisti l-pakkett RCI. Fil-laqgha qal li l-HSBC infurmahhom li r-regoli tal-*Visa* kienu nbiddlu u ghalhekk ma kienx hemm bzonn li jipprovduhom b' aktar dokumenti peress illi l-kaz kien mitluf u ma kienux ser imorru Arbitragg. Qal li l-HSBC ma taghhom l-ebda regoli tal-*Visa* sabiex huma jkunu jafu dawn xi jghidu. Ikkonferma li waqt il-laqgha huma ghaddew lill-HSBC id-dokumenti li kienu mtlew mill-klijent meta dan jidhol fil-lukanda izda r-rapprezentant tal-HSBC qal li dawk kienu fabbrikati u ghalhekk ma kienx ser jghaddihom sabiex isir arbitragg u dan ghaliex ma kienx hemm indikat bic-car id-data. Spjega li kull klijent li jidhol gol-lukanda jrid bilfors jirregistra u dan ghal diversi ragunijiet fosthom '*fire and safety*', pulizija, etc.

Qal li l-klijent Jones wasslu fil-lukanda Mediterranea fil-hdax ta' Novembru 2003 u kellhom jitilqu minn Malta fit-tnejn ta' Dicembru 2003. Qal li meta fit-tmintax ta' Novembru 2003 marru fil-lukanda Diplomat fit-tmintax ta' Novembru d-data tal-wassla li tnizzlet kienet tmintax ta' Novembru u d-data ta' tluq tnizzlet bhala tnejn ta' Dicembru. Qal li f'din il-formola l-klijent ma nizzilx id-data ta' meta kien ser jitlaq mill-lukanda imma nizzel id-data ta' meta kien ser jitlaq minn Malta.

Qal illi l-kwistjoni li tirrigwarda s-sinjuri Hall kienet dwar l-*membership form* u cioe l-*Booking Form*. Qal li din tinghata malli jsir il-kuntratt. Qal li Hall kienu qalulu li ma kienux registrati mal-RCI. Dwar dan huwa spjega li fil-fatt minkejja li wiehed ikun registrat ma l-RCI l-ewwel irid jibbukja ghal gimgha mal-club biex il-lukanda tkun tista' taghti dik il-gimgha lura lill-RCI biex imbaghad tigi bankjata.Qal li t-tieni klijent qatt ma kien kkomunika maghhom dwar dik il-gimgha.

Qal li meta huma gew infurmati mill-HSBC li ma kienx ser jidhol f'Arbitragg l-HSBC qabad u ddebita l-kont tal-lukanda. Qal li wara saret laqgha ma l-avukati tal-lukanda. Imbaghad qal li l-avukat ufficjalment kiteb lill-Bank u li tinstab ezebita a fol. 79 tal-process. Qal li r-risposta tal-

Bank tinsab ezebita fil-process a fol. 80. Ikkonferma li kien minnu li kien hemm c-“*chargeback*s” izda kien hemm ukoll “*cooling off period*” li huwa spjega li jfisser li wara li klijent jixtri pakkett hu jinghata zmien biex jikkonsidra dan ix-xiri. Qal lli meta kien ikun hemm “*chargeback*” huma dejjem kienu jirrifondjaw lill-klijent kif kienu obbligati jaghmlu izda qal lli ma kien hemm l-ebda “*chargeback*” ohra li saret barra l-“*cooling off period*”.

Illi nhar l-ghaxra ta’ Lulju 2008 xehed **in kontro-ezami Konrad Degorgio** (fol. 172) u pprezenta Dokument “Z”. Huwa spjega li Paul Galea kien jahdem mal-*marketing company* tad-Diplomat Club li kien jisimha Leisure Breaks. Qal ukoll li Saviour Cortis kien direttur tal-kumpanija Stones Hotels Limited li kien jiehu hsieb l-*accounts* u kien l-aktar wiehed li kien responsabbli ghat-tranzazzjonijiet li jsiru mal-bank. Huwa gie muri u ntalab jispjega l-kuntratt ezebit bhala Dokument “D”. Huwa spjega li dan kien kuntratt li ghamel Jones u li kien gie ffirmat mas-socjeta’ Intertravel UK Limited. Huwa kkonferma li kien hemm kuntratt separat iffirmat maghhom. Huwa pprezenta kuntratt iehor li sar bejn Jones u l-lukandi Mediterranea u Diplomat liema kuntratt gie immarkat bhala dokument “Z”. Huwa kkonferma li fuq il-kuntratt Jones hallas is-somma ta’ tliet elef tmien mija u hamsin lira sterlina liema somma hemm referenza ghaliha fil-kuntratt ezebit fil-process bhala dokument “D”. Huwa qal li dan kien gie ffirmat Malta. Spjega li s-socjeta’ Intertravel UK Limited ghandha inventarji f’ lukandi ohra madwar id-dinja u z-zewg lukandi Mediterranea u Diplomat kellhom allokazzjoni. Kompla jispjega li nxtara l-pakkett inizjali tal-kumpaniji taghhom minghandhom u imbaghad huma bieghuh lill-klijent. Huwa kkonferma li dan il-pagament sar permezz ta’ *credit card* li kopja taghha tinsab ezebita fil-process bhala dokument “C”. Qal li l-hlas ta’ tliet elef tmien mija u hamsin lira sterlina sar direttament lid-Diplomat Club permezz ta’ *credit card* ta’ Jones. Qal li dan il-hlas sar fid-disgha ta’ Novembru 2002. Huwa qal li ma kienx jaf x’ sar minn Intertravel UK Limited izda kkonferma li l-kuntratt li huma kellhom maghhom kien ghadu validu.

Huwa stqarr li m' ghadux ibiegh il-pakketti peress illi llum– il gurnata huwa jokkupa il-kariga ta' CEO. Huwa qal li la jaf jekk Intertravel Uk Limited hijiex "*struck off in liquidation*" u lanqas ma kien jaf li din dahlet "*in liquidation*" fil-perjodu tac-"*chargeback*". Ikkonferma li l-kuntratt li huma kellhom ma Intertravel UK kien biex ibieghu l-pakketti. Huwa qal li minn dak iz-zmien 'l hawn ma baqghax ibiegh pakketti u ghalhekk m' ghadx ghandu interess f' dik il-kumpanija. Huwa spjega li s-somma ta' tliet elef tmien mija u hamsin lira sterlina tkopri l-*membership* bhalma hemm indikat fil-kuntratt u cioe "*membership for life*" f' dawn iz-zewg lukandi. Huwa kkonferma li Jones qatghu gimgha gewwa l-lukanda Mediterranea u gimghatejn gewwa d-Diplomat. Qal li l-prezz ghall-gimghatejn li qatghu fil-lukanda Diplomat thallsu permezz ta' *booking*. Spjega li d-differenza ta' mija u hamsin sterlina tirraprezenta d-differenza fil-prezz ghal hmistax-il gurnata ohra. Spjega li l-ewwel gimgha li ghamlu fil-lukanda Mediterranea kienet b' xejn peress illi kienet inkluza fil-kuntratt.

Illi nhar it-tlettax t'Ottubru 2008 kompla jixhed **Konrad Degorgio** (fol. 176) fejn ikkonferma li wara li ghamel xi ricerka fl-*internet* irrizultalu li l-kumpanija Intertravel kienet giet *disolved* fid-disgha w ghoxrin ta' Settembru 2006 izda ma rrizultalux meta saret l-applikazzjoni. Huwa esebixxa din ir-ricerka bhala dokument li gie mmarkat bhala KG. Huwa ezebixxa bhala Dok. KG3 kuntratt iehor li sar u li hu datat sittax t'April 2003. Spjega li dan kien l-ewwel kuntratt li d-Diplomat ghamlet mal-klijent. Qal li t-tranzazzjoni saret mill-magna tal-Bank of Valletta. Huwa spjega li RCI hija kumpanija internazzjonali *exchange*, tat-timshare. Huwa qal li-l-applikazzjoni timtela' mill-klijent u mhux mil-lukanda u tigi mibghuta lil RCI direttament mill-klijent. Huwa kkonferma li l-"*membership pack*age" li nghata mid-Diplomat jintitolahom ghal "*free memership*" fl-RCI. Huwa kkonferma li s-Sinjuri Hall hallsu s-somma ta' erbgha mija u hamsa u sittin Sterlina (£465). Li ghaliha hemm referenza fil-kuntratt. Huwa spjega li minn din is-somma elf u disgha mija (1900) gew imhallsa permezz ta' magna tal-BOV fuq l-ewwel kuntratt ezebit bhala KG3 filwaqt li l-bilanc ta' elfejn sitt mija u hamsa u tmenin gew imhallsa

permezz ta’ magna ta’ l-HSBC u s-somma ta’ erbat elef sitt mija hamsa u sebghin giet imhallsa lid-Diplomat. Spjega li sabiex il-klijent ikun jista’ jibbukja l-gimgha tieghu jrid jibbenkja ghal gimgha mal-lukanda.

Illi nhar il-hamsa ta’ Frar 2009 rega’ xehed **Konrad Degorgio** (fol. 184) u esebixxa l-*membership* li Hall kellu mad-Diplomat Club u li gie mmarkat bhala dokument P u li kellha n-numru 5285. Mistoqsi kellux kopja tal-*Booking Form* huwa qal li la kellu kopja tal-formola li mela Hall u li tintbaghat bil-posta regolari u lanqas kopja tal-*covering note* li tintbaghat mal-formula.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin t’April 2009 xehed **Konrad Degorgio** (fol 187) li gie ri-prodott mis-socjeta’ attrici. Huwa ezebixxa dokument CSH3 li huwa dokument li jirrigwarda l-klijent Hall. Qal li din hija dikjarazzjoni mill-RCI li permezz taghha Hall gew affiljati mal-RCI. Huwa qal li minn informazzjoni li nghatatlu dok. CSH1 u 2 japplikaw ghas-sena 2009. Mistoqsi jekk kellux dokumentazzjoni dwar is-snin 2003 u 2004 fir-rigward ta’ Mediterranea u Diplomat huwa qal li m’ ghandux izda seta’ jgib il-kuntratti originali li saru fl-1999. Mistoqsi jekk effetivament huma, fis-snin 2003 u 2004 kienux affiljati qal li l-evidenza hi li llum-il gurnata huma membri. Huwa ikkonferma li f’ dawk is-snin kienu membri. Qal ukoll li sa fejn jaf hu kienu affiljati. Mistoqsi jekk kienx minnu li Hall gew affiljati ma’ RCI fis-sitta w ghoxrin t’April 2004 qal li ma kienx f’ pozizzjoni jwiegeb dak il-hin.

Illi nhar is-sittax ta’ Gunju 2009 rega’ xehed **Konrad Degiorgio** (fol. 196) li ezebixxa zewg “*agreement*s” originali taz-zewg club immarkati bhala “Z1” u “Z2” li ghandhom “*enrolment agreement*” u kopja li kienet mibghuta lilhom minn RCI li jikkonferma meta huma dahhlu membri fil-*clubs* immarkata bhala “Z3”. Mistoqsi meta giet registrata qal li li din tohrog mill-*email* li kien esebixxa.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-HSBC Bank Malta plc ippresentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar s-sitta w ghoxrin ta’ Novembru 2009 (fol. 217 et seq).

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta Stones Hotels Limited ppresentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Dicembru 2009 (fol. 228 et seq).

Ikkunsidrat:-

Il-fatti ta’ din il-kawza ghar-rigward ta’ l-ewwel ammont riklamat ta’ elfejn erba’ mija w erbgha w sittin Lira (Lm2,464 - dak imhallas mill-konjugi Robert u Patricia Jones lil Diplomat Club) jistghu jigu sintetizzati hekk:

i. Is-socjeta’ konvenuta toffri servizzi ta’ *timeshare* permezz tad-Diplomat Club li kellha abbinati maghha zewg lukandi u cioe’ l-Hotel Mediterranea f’San Pawl il-Bahar u l-Hotel Diplomat gewwa tas-Sliema.

ii. Fid-19 ta’ Settembru, 1998 is-socjetajiet kontendenti kienu dahlu fi ftehim biex l-istess socjeta konvenuta tkun tista’ taccetta hlas bi *credit cards* kompriz hlas ghal servizzi ta’ *timeshare*.

iii. Wara li gie ffirmat dan il-ftehim, is-socjeta’ konvenuta giet fornuta b’*electronic point of sale (EPOS) terminal*.

iv. Skond dan il-ftehim, u senjatament skond ma hemm mahsub fi klawsoli 25, 31 u 32 jinghad li:

25. In the event of the breach of any of the terms and conditions relating to sales/refund voucher (s) being detected by the Bank after payment, the Bank is authorised to debit forthwith to the Merchant’s account with the Bank, or to claim from the Merchant if no account with the Bank is held, the amount credited or paid by the Bank in respect of such sales/refund voucher (s).

31. The Bank will not under any circumstances interfere with or accept responsibility for any disputes arising between the Merchant and a cardholder in respect of goods or services acquired with a Quickcash, Diner Club,

VISA, ELECTRON, EUROCARD, Mastercard, edc and Maestro.

32. Transactions without the card being presented are not permitted, unless the Merchant is specifically authorised in writing by the Bank.

v. Fid-9 ta’ Novembru, 2002 il-konjugi Jones iffirmaw kuntratt mas-socjeta’ Intertravel UK Ltd fejn dawn ta’ l-ahhar intrabtu li jipprovdu servizzi ta’ *timeshare* lil ta’ l-ewwel ghal *lifetime*.

vi. Fid-9 ta’ Novembru, 2002 stess, l-imsemmija Robert u Patricia Jones hallsu lil Diplomat Club, cioe’ Stones, is-somma ta’ Lm2,464 permezz tal-VISA Card bin-numru 4543056002177853. Dan il-hlas sar, kif diga’ inghad, ghal dritt ta’ *lifetime timeshare* akkwistat permezz ta’ ftehim bil-miktub milhuq bejn l-imsemmija Robert u Patricia Jones u Intertravel UK Limited.

vii. Ir-ricevuta ta’ dan il-hlas (fol. 34) juri li tali hlas sar favur id-Diplomat Club.

viii. Il-Bank attur ta dan il-valur lis-socjeta’ konvenuta, u ghalhekk talab dan l-ammont minghand ir-Royal Bank of Scotland. Dan l-ahhar bank, hallas dak mitlub.

ix. Mix-xhieda moghtija minn Conrad Degiorgio, ic-*chief executive officer* tas-socjeta’ konvenuta, jirrizulta li l-konjugi Jones kienu gew Malta f’Novembru, 2002 u ghamlu gimgha fil-Hotel Mediterranea u sussegwentement ghamlu gimghatejn fil-Hotel Diplomat (gewwa tas-Sliema). L-istess Conrad Degiorgio jghid illi l-ewwel gimgha li l-konjugi Jones ghamlu f’Novembru, 2002 kienet tifforma parti mill-pakkett li kienu xtraw bil-*credit card* u ghar-rimanenti hmistax, huma hallsu permezz ta’ *cheque*.

x. Fl-20 ta April, 2004 il-Bank attur ircieva l-ewwel *chargeback* fir-rigward tal-hlas affettwat mill-

imsemmija Robert u Patricia Jones fid-9 ta' Novembru, 2002. Ir-raguni li taw il-konjugi Jones kienet li s-servizz mwieghed relatat mat-*timeshare* ma setax jigi provdut u dan peress li fir-rigward tas-socjeta' Intertravel UK Limited kien sar *proposal to strike off*.

xi. Is-socjeta' attrici kellha 60 gurnata zmien sabiex tirribatti din ic-*chargeback*. Fil-21 ta' April, 2004 il-kont tal-bank attur gie debitat bl-ammont ta' Lm2,535.13 (mhux l-ammont originali ta' Lm2,464 u dan minhabba d-differenza fir-rata tal-kambju).

xii. Fid-29 ta' April, 2004 il-bank attur ircieva d-dokumentazzjoni minghand ir-Royal Bank of Scotland. Id-data tat-transazzjoni li sehhet skond dan id-dokument kienet tal-11 ta' Settembru, 2002. Il-Bank attur ma setax isib din it-transazzjoni u ghalhekk talab lil Saviour Cortis, addett mas-socjeta' konvenuta sabiex jipprova jirrintraccja din it-transazzjoni. Minhabba li r-Royal Bank of Scotland ipprovda informazzjoni mhux ezatta, l-Bank attur irritorna c-*chargeback*. Dan il-process huwa maghruf bhala *2nd presentment*. Fl-4 ta' Mejju, 2004, il-kont ta' l-HSBC gie rifondut bl-ammont tac-*chargeback* u cioe' bl-ammont ta' Lm2,535.13. Fil-21 ta' Mejju, 2003 il-kont tal-bank attur gie debitat bl-ammont ta' Lm2,601.21 u dan minhabba differenza fir-rata tal-kambju.

xiii. Fil-25 ta' Mejju, 2004 il-bank attur ircieva izjed dokumentazzjoni mibghuta mir-Royal Bank of Scotland mil-liema rrizulta li t-transazzjoni sehhet fid-9 ta' Novembru, 2002 u li l-isem tal-klijent kien Robert Jones. Il-bank attur ghadda din l-informazzjoni lir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, Saviour Cortis.

xiv. L-istess Saviour Cortis ghadda diversi dokumenti lill-bank attur fosthom (a) kuntratt li sar bejn il-konjugi Jones u Intertravel UK, (b) Intertravel UK Ltd *Understanding and Acknowledgement Agreement*, (c) kundizzjonijiet relatati mal-kuntratt tat-*timeshare*, (d) ricevuta fl-ammont ta' Lm2,464 datata 9 ta' Novembru, 2002 u (e) erba' (4) *registration cards* iffirmati mill-konjugi Jones. Zewg *registration cards* minnhom juru li l-konjugi

Jones gew Malta fil-11 ta' Novembru, 2003 u telqu minn Malta fit-2 ta' Dicembru, 2003, iz-zewg *registration cards* l-ohra juru li l-konjugi Jones gew Malta fit-18 ta Novembru, 2003 u telqu minn Malta fit-2 ta' Dicembru, 2003. Dawn intbaghtu lir-Royal Bank of Scotland mill-bank attur. Patrick Gauci, *Chargeback and Fraud Team Leader* mal-bank attur, jghid illi dawn kienu l-unici dokumenti li gew provduti mis-socjeta' konvenuta, f'dan il-kaz tas-sinjuri Jones.

xv. Ghalhekk, meta l-bank attur baghat dawn id-dokumenti lir-Royal Bank of Scotland, huwa kien qieghed jinforma lil dan ta' l-ahhar li huma ma kienux qeghdin jaccettaw ic-*chargeback* taghhom. Dan l-istadju huwa dak maghruf bhala l-*Pre-Arbitration Stage*. Wara dan l-istadju, ma setghux jigu pprezentati iktar dokumenti.

xvi. Fil-15 ta' Lulju, 2004, ir-Royal Bank of Scotland infurmaw lill-bank attur li ma setghux jaccettaw il-kaz imressaq mill-bank attur ghan-nom tas-socjeta' konvenuta u dan ghal zewg ragunijiet u cioe: (a) li l-kuntratt sar bejn Intertravel UK u s-sinjuri Jones. Il-fatt li t-transazzjoni giet iddebitata minn Diplomat Club tmur kontra r-regolamenti ta' Visa International u (b) il-fatt li l-konjugi Jones ma setghux jaghmlu uzu mis-servizzi relatati mat-*timeshare* minhabba l-fatt li Intertravel UK kellu *proposal to strike off*.

xvii. Fil-kaz tal-konjugi Jones, il-bank attur ghazel li ma jghaddix ghall-istadju ta' l-Arbitragg. Dan minhabba l-provi li kienu ngabu kemm mir-rapprezentati tas-socjeta' konvenuta u kemm mill-provi mibghuta mir-Royal Bank of Scotland.

xviii. Meta l-bank attur informa lil Saviour Cortis b'din id-decizjoni tieghu, l-istess Saviour Cortis talab li jiltaqa' mar-rapprezentanti tal-bank attur. Din il-laqgha fil-fatt sehhet fit-3 ta' Awissu, 2004. F'din il-laqgha, Saviour Cortis, ghan-nom tas-socjeta' konvenuta, talab lill-bank attur sabiex ikun jista' jressaq dokumentazzjoni gdida u dan sabiex juri li l-konjugi Jones effettivament ghamlu uzu mis-servizzi tad-Diplomat Club. Il-bank attur ma accettax

din id-dokumentazzjoni u dan peress li ma kienx permess (wara l-istadju tal-*pre-arbitration*) li jigu mressqa dokumenti u provi godda. Ghalhekk din id-dokumentazzjoni ma intbaghtitx lir-Royal Bank of Scotland l-ghaliex kien lahaq ghadda l-*pre-arbitration stage.*

Ikkunsidrat ulterjorment:

Mhux kontestat li n-negozju li sar, sar bejn il-konjugi Jones u s-socjeta' Intertravel UK Limited. It-transazzjoni u cioe' l-hlas sar pero' lis-socjeta' konvenuta. Dan wahdu jmur kontra r-regolamenti tal-VISA International. Di fatti, jirrizulta mid-dokument R esebit a fol. 56 tal-process illi "5.3.F.1.a *A merchant must **not** deposit Transaction receipts resulting from any Transaction involving a Card between a Cardholder and another entity. A merchant must deposit only Transaction receipts that directly result from Cardholder Transactions with that Merchant*".

Issa f'dan il-kaz, fid-9 ta' Novembru, 2002 gie ffirmat kuntratt bejn il-konjugi Jones u s-socjeta' estera Intertravel UK Ltd. u l-ewwel *chargeback* saret fl-20 ta April, 2004. Il-kuntratt li gie ffirmat kien wiehed ghal *timeshare* u d-durata tieghu huwa tat-tip *lifetime.* Il-hlas pero', kif diga inghad, sar lil Diplomat Club. Ghalhekk, ghas-servizz offrut, il-konjugi Jones jafu biss lis-socjeta' estera.

Giet esebita mis-socjeta' attrici, dokumentazzjoni li turi li s-socjeta' Intertravel UK Limited kienet applikat ghal *striking off* fis-26 ta' Frar, 2004. Fil-fatt, il-kumpanija giet xolta fid-29 ta' Settembru, 2006 (fol. 178, Dok. KG). Ghalhekk, meta wiehed ighid li s-servizz tat-*timeshare* li xtraw u akkwistaw il-konjugi Jones kien ghal *lifetime*, fir-realta' dan ma sehhx jekk mhux ghal gimgha biss fis-sena 2003. Wara din id-data pero, "*ma ircevejna l-ebda talba ohra minghandhom biex juzaw is-servizzi taghna u ghalhekk ahna sirna nafu b'din l-allegazzjoni li ahna ma konniex lesti li naghtuhom dan is-servizz biss f'April tas-sena 2004 meta kien baghat ghalina l-bank u qalilna li kien hemm chargeback*" (fol. 164).

Is-socjeta' konvenuta intrabtet bi ftehim mal-bank attur fil-15 ta' Settembru, 1998 (fol. 24 et seq) u skond dan il-ftehim, l-istess socjeta' konvenuta kienet iffirmat u accettat li "*31. The Bank will not under any circumstances interfere with or accept responsibility for any disputes arising between the Merchant and a cardholder in respect of goods or services acquired with a Quickcash, Diner Club, VISA, ELECTRON, EUROCARD, Mastercard, edc and Maestro*" u "*The Bank reserves the right to deduct from its payment the amount under dispute, if this amount would not have been paid by the cardholder. In such cases, the Merchant is entitled to undertake all such steps as may be necessary to recover this amount from the cardholder, and the holders' obligation to pay will be assigned by the Bank to the Merchant* ".

Issa f'dan il-kaz, inqalghet kwistjoni bejn il-konjugi Jones (il-*cardholders*) u s-socjeta' konvenuta (*The Merchant*). Intuzat *credit card* tat-tip VISA. Ghalhekk, is-socjeta' konvenuta u l-konjugi Jones, issottomettew ruhhom ghar-regoli ta' din is-socjeta'. Wahda minn dawn ir-regoli kienet li ma tistax issir transazzjoni bejn *cardholder* u terza persuna u tintuza l-EPOS ta' dik it-terza persuna (f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta). Dan oltre l-fatt, kif diga inghad, li l-kuntratt ghax-xiri tat-*timeshare* kien ghal *lifetime* u kif irrizulta, fid-29 ta' Settembru, 2006 din is-socjeta' estera Intertravel UK Ltd giet xolta.

Il-bank attur agixxa skond ir-regolamenti stabbiliti tal-VISA u ghamel dak li seta' sabiex jirribatti l-istess *chargebacks*. Il-bank kien qieghed jipprovdi biss servizz u ma kellu x'jaqsam xejn fin-negozju bejn il-partijiet. Dan jirrizulta li huwa wkoll dak li qablu dwaru l-partijiet odjerni meta ffirmaw il-ftehim bejniethom. Diga' rajna dak li jinghad fil-paragrafu wiehed u tletin tal-ftehim (fol. 27) iffirmat bejn il-kontendenti fil-15 ta' Settembru, 1998.

Is-socjeta' konvenuta tilmenta mill-fatt li c-*chargeback* sar wara t-terminu stipulat skond ir-regolamenti tal-VISA u li l-bank attur qatt ma qajjem dan il-fatt mal-bank li talab ic-*chargeback*. Il-bank attur qabel mal-fatt li c-*chargebacks* saru wara dan il-perjodu pero' argumentaw li l-perjodu ta'

180 gurnata jibda jiddekorri kull darba li jkun dovut is-servizz. Ghalhekk f'dan il-kaz, kull sena. Il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tidhol f'dan l-aspett f'din il-kawza. Il-bank offra biss is-servizzi tieghu lis-socjeta' konvenuta u ma kellu x'jaqsam xejn man-negozju bejn il-konjugi Jones u s-socjeta' konvenuta. Li kieku l-bank attur jigi mgieghel ibati dawn il-flejjes, jispicca li tgawdi s-socjeta' attrici, jgawdu l-koppja nvoluta u jbati l-bank meta fir-realta', l-bank, ma kellu x'jaqsam xejn man-negozju hlief li pprovda s-servizzi tieghu.

Il-Qorti ma tistax taqbel mal-argument tas-socjeta' konvenuta li l-"*pern veru tal-kwistjoni kollha ghandu jkun, u fil-fatt hu jekk abbazi tal-kuntratti rispettivi taghhom mas-socjeta' konvenuta is-sinjuri Jones u Hall kienux obbligati jhallsu l-flejjes li fil-fatt hallsu tramite s-sistema tal-VISA*". Il-kwistjoni ghandha tigi regolata bil-kuntratt iffirmat bejn il-kontendenti odjerni fil-15 ta' Settembru, 1998.

**<u>Ghalhekk, il-bank attur ghandu ragun meta qieghed jitlob li jigi rifuz l-ammont ta' elfejn erbgha mija w erbgha w sittin Lira (Lm2,464) minghand is-socjeta' konvenuta.</u>**

Imiss issa li l-Qorti tezamina t-tieni kwistjoni, u cioe' dik li tirreferi ghat-transazzjoni li sehhet f'Mejju, 2003 bejn Christopher u Kay konjugi Hall u s-socjeta' konvenuta.

i. Fis-16 ta April, 2003 gie iffirmat ftehim li permezz tieghu l-konjugi Hall xtraw u akkwistaw id-dritt ta' *timeshare* ghal hamsa u ghoxrin (25) sena li beda jiddekorri mis-sena 2003 u kellu jibqa' sejjer sas-sena 2028.

ii. Ghal dan id-dritt, il-konjugi Hall hallsu s-somma ta' Lm1,541 permezz ta' Visa *credit card*. Il-bank attur ghadda dan il-valur lis-socjeta' konvenuta u da parti tieghu, l-istess bank talab dan l-ammont minghand HBOS Card Services. L-HBOS Card Services hallas dan l-ammont mitlub mill-bank attur.

iii. Fit-8 ta' Marzu, 2004 il-bank attur ircieva l-ewwel *chargeback* fir-rigward tal-hlas affettwat mill-konjugi Hall. Ir-raguni ghal din ic-*chargeback* kienet li s-Sinjuri Hall allegaw li s-servizz mwieghed tat-*timeshare* ma giex provdut. Fl-10 ta' Marzu, 2004, il-kont tal-bank attur gie debitat bl-ammont ta' Lm1,681.84 (mhux l-ammont originali ta' Lm1,541 u dan minhabba d-differenza fir-rata tal-kambju). Fit-23 ta' Marzu, 2004, il-bank attur baghat ittra lid-Diplomat Club fejn infurmah li t-transazzjoni li saret minnu f'Mejju, 2003 kienet giet ikkontestata.

iv. Fl-1 ta' April, 2004 Saviour Cortis ghan-nom tas-socjeta' konvenuta pprovda lill-bank attur b'zewg dokumenti u cioe' (a) ittra datata 30 ta' Marzu, 2004 fejn spjega li f'Novembru, 2003 is-segretarja tad-Diplomat Club baghtet *booking forms* lill-membri kollha, inkluz il-konjugi Hall, u li permezz taghha ntalbu li jinfurmaw lill-istess Club meta kienu ser jiehdu l-vakanza taghhom u (b) kopja ta' *booking form* imsemmija fl-ittra datata 30 ta' Marzu, 2004 u ndirizzata lill-bank attur.

v. Is-socjeta' attrici baghtet lura lis-socjeta' HBOS Card Services ic-*chargeback* flimkien mad-dokumentazzjoni provduta mis-socjeta' konvenuta. Din il-fazi hija maghrufa bhala *2nd presentment*. Fis-6 ta' April, 2004 il-kont ta' l-HSBC gie rifondut bl-ammont tac-*chargeback* u cioe' bl-ammont ta' Lm1,681.84. Fl-14 ta' Mejju, 2004 il-kont tal-bank attur gie debitat ghat-tieni darba bl-ammont ta' Lm1,734.10 u dan minhabba differenza fir-rata tal-kambju.

vi. Fit-tieni *chargeback*, s-socjeta' HBOS Card Services regghet resqet l-istess ragunijiet bhal l-ewwel *chargeback* u enfasizzat li fir-rigward ta' Diplomat Club, dan ma pprovdiex il-*booking forms* li huwa obbligat li jibghat kull sena, kif ukoll zied ighid li l-*membership* ma l-RCI ma kinitx valida. Fid-19 ta' Mejju, 2004, il-bank attur ircieva aktar dokumentazzjoni li permezz taghha, l-konjugi Hall, baqghu jinsistu li s-servizz imwieghed mid-Diplomat Club ma giex provdut.

vii. Il-bank attur baghat jinforma lir-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta Saviour Cortis li t-transazzjoni regghet giet ikkontestata. Ghalhekk, il-bank attur talab evidenza minghand is-socjeta’ konvenuta tal-*booking form* li ntbaghtet lill-konjugi Hall. Fuq din it-talba, Saviour Cortis, fis-27 ta’ Mejju, 2004 ipprovda diversi dokumenti lill-bank attur. Dawn huma (a) Kuntratt li sar bejn il-konjugi Hall u d-Diplomat Club; (b) *credit card payment order* iffirmat mill-konjugi Hall; (c) *booking form* 2003; (d) *booking form* 2004; (e) certifikat ta’ shubija mal-RCI tal-konjugi Hall; (f) rapport mill-RCI. Il-*booking forms* esebiti ma fihomx ismijiet, u meta l-bank attur talab prova li dawn il-*booking forms* waslu ghand il-konjugi Hall, l-istess rapprezentant infurmahom li huma ma ghandhomx *tracking number* ghax jibghatuhom bil-posta normali.

viii. Fl-4 ta’ Gunju, 2004 il-bank attur baghat jinforma lil HBOS Card Services li ma kienx qieghed jaccetta c-*chargeback*. Ghalhekk il-bank attur dahal fl-istadju ta’ *pre-arbitration*. Fit-2 ta’ Lulju, 2004 l-HBOS Card Services ikkonfermaw li ma setghux jaccettaw il-kaz u dan peress li (a) l-konjugi Hall kellhom kuntratt li bih dahlu membri ma’ l-RCI u kienu mwieghda servizzi u privileggi relatati mal-RCI. Il-konjugi Hall qatt ma rcevew xi dokument li seta’ jiddentifikahom bhala membri ta’ l-RCI, anzi meta cemplu lill-istess RCI, huma gew infurmati li l-RCI kienu ilhom ma jirrapprezentaw lid-Diplomat Club sa mis-sena 2002 u (b) id-Diplomat Club qatt ma ipprovdew il-*booking forms* mehtiega anke meta dawn gew mitluba mis-sinjuri Hall.

ix. Fis-6 ta’ Lulju, 2004, il-bank attur ikkomunika permezz tat-telefon ma’ HBOS Card Services u talabhom jirrikunsidraw il-posizzjoni taghhom in vista tal-fatt li d-Diplomat Club kien ipprovda RCI *membership number*. Fis-7 ta’ Lulju, 2004, l-HBOS Card Services irrifjutat li taccetta t-transazzjoni u ziedu jghidu li r-referenza moghtija mid-Diplomat Club ta’ l-RCI ma kienitx wahda valida u dan peress li l-konjugi Hall iddahhlu membri fis-26 ta’ April, 2004 wara li kienet saret l-ewwel *chargeback* (ara fol. 115 tal-process u fol. 197). Dwar dan l-ahhar punt, Conrad Degiorgio a fol. 165 tal-process jghid illi l-*membership form* hija l-*booking form*. Izid jghid illi “*Il-fatt*

*huwa li inti ghalkemm tkun irregistrat ma' l-RCI l-ewwel trid tibbukja ghal gimgha mal-club biex il-lukanda tkun tista' taghti dik il-gimgha lura lil RCI biex tigi bankjata*". Il-konjugi Hall "*qatt m'ghamel din il-komunikazzjoni maghna ghal din il-gimgha*".

x. Fil-kaz tal-konjugi Hall, il-bank attur ghazel ukoll li ma jghaddix ghal istadju ta' l-Arbitragg. Dan minhabba l-provi li kienu ingabu kemm mir-rapprezentati tas-socjeta' konvenuta u kemm mill-provi mibghuta mill-HBOS Card Services.

xi. Meta l-bank attur informa lil Saviour Cortis b'din id-decizjoni tieghu, l-istess Saviour Cortis talab li jiltaqa' mar-rapprezentanti tal-bank attur. Din il-laqgha fil-fatt sehhet fit-3 ta' Awissu, 2004.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Kif diga' inghad supra, s-socjeta' konvenuta intrabtet bi ftehim mal-bank attur fil-15 ta' Settembru, 1998 (fol. 24 et seq) u skond dan il-ftehim, l-istess socjeta' konvenuta kienet iffirmat u accettat li "*31. The Bank will not under any circumstances interfere with or accept responsibility for any disputes arising between the Merchant and a cardholder in respect of goods or services acquired with a Quickcash, Diner Club, VISA, ELECTRON, EUROCARD, Mastercard, edc and Maestro*" u "*The Bank reserves the right to deduct from its payment the amount under dispute, if this amount would not have been paid by the cardholder. In such cases, the Merchant is entitled to undertake all such steps as may be necessary to recover this amount from the cardholder, and the holders' obligation to pay will be assigned by the Bank to the Merchant* ". Issa f'dan il-kaz, inqalghet kwistjoni bejn il-konjugi Hall (il-*cardholders*) u s-socjeta' konvenuta (*The Merchant*). Intuzat *credit card* tat-tip VISA. Ghalhekk, is-socjeta' konvenuta u l-konjugi Hall, issottomettew ruhhom ghar-regoli ta' din is-socjeta'. Wahda minn dawn ir-regoli kienet li jista' jkun hemm rifuzjoni tal-flus jekk jirrizulta li kien hemm *services not rendered*. Issa f'dan il-kaz jirrizulta li l-bank attur hallas lill-HBOS Card Services l-

ammont riklamat mill-konjugi Hall. Dan oltre l-fatt, kif diga' inghad, li meta l-konjugi Hall iffirmaw il-kuntratt ta' akkwist ta' *timeshare* ghal hamsa u ghoxrin (25) sena, huma kienu suppost qed jakkwistaw membership mal-RCI. Qed jinghad suppost l-ghaliex kien biss fis-26 ta April, 2004 li huma saru membri ma' l-RCI meta l-kuntratt gie iffirmat fis-16 ta' April, 2003, u l-ewwel *chargeback* saret fit-8 ta Marzu, 2004.

**Ghalhekk, il-bank attur ghandu ragun meta qieghed jitlob li jigi rifuz l-ammont ta' elf hames mija w wiehed u erbghin Lira (Lm1,541) minghand is-socjeta' konvenuta.**

**Illi ghalhekk ghar-ragunijiet fuq esposti, l-Qorti qeghda taqta' w tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, qeghda tilqa' t-talbiet tal-bank attur u tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta sabiex thallas is-somma ta' disat elef tlett mija disgha u ghoxrin ewro u erbatax-il centezmu (€9,329.14c) ekwivalenti ghal erbat elef u hames Liri Maltin (Lm4005) bl-imghaxijiet legali mid-data ta' meta kienu dovuti l-ammonti.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu fl-intier taghhom mis-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------